**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 725/2021DC**
**Wara l-ittra uffiċjali numru 2639/21 fl-ismijijet**

***Emanuel Spiteri (ID 149854M)***

***vs***

***Direttur Ġenerali (Dwana)***

**Illum, 10 ta' April, 2025**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-atturi** ppreżentat fit-23 ta' Lulju 2021 permezz ta' liema ppremetta:-

*Illi permezz ta'ittra ufficjali numru 2639/21 debitament notifikata lill-intimat fis-6 ta'Lulju 2021 , l-intimat Direttur Generali ( Dwana ) interpella lir-rikorrent sabiex jhallas s-somma ta'sittax il elf sitt mija u tnejn u erbghin ewro ( €16,642.00) reklamati allegatament bhala anti dumping duty , taxxa fuq il-valur mizjud dovut fuq l-istess anti- dumping duty .*

*Illi skond Doukument B anness mall-ittra interpellatorja l-intimat jinstab jitlob l-imposta u l-hlas ta'anti dumping fees fuq importazzjoni ta'Aluminium Profiles importati mic- Cina ammontanti ghall- imposta ta' percentwali ta'tmienja u erbghin (48 % ) fuq il-valur tal-merkanzija .*

*Illi sad-data tal-importazzjoni u sal-wasla tal-merkanzija gewwa Malta tali imposta doganali ma kienitx applikabbli u ma kienitx imposta .*

*Illi skond kif issa mgharraf mill-intimat din l-imposta giet imhabbra u dahlet fis-sehh fl-14 ta'Ottubru 2020 meta l-merkanzija waslet gewwa Malta fit-13 ta'Ottubru 2020.*

*Illi dokument ES 1 jikkonferma l-wasla tal- Bastiment CMA CGM "COLUMBA "gewwa Malta l-container bir-referenza DRYU4513302 bil-merkanzija li kienet*

*inxtrat u thallset fis- 26 ta'Lulju 2020 skond dokument ES2. Dokument ES3 jikkonferma hlas li sar lill-intimat bhala dazju dovut fuq l-importazzjoni tal-imsemmija merkanzija tant li l-imsemmija merkanzija u container gie liberament sdoganat u mahrug . Import Duty u Vat amontaw ghall - €7934 u d-dokumenti ES3 sa ES8 jikkonfermaw dan .*

*Illi l-intimat issa jinstab jitlob hlas ingust u li certament mhuwiex dovut mir-rikorrent u dan meta qed jinsisti li kien ddahhal fis-sehh regolament gdid ta'imposta li l-anqas l-ufficjali tad-Dwana ma kienu informati bih ghaliex kieku ma kienu jisdoganaw il-merkanzija .Tant huwa hekk illi l-merkanzija thalliet tigi sdoganat meta gew presentati d-dokumenti normali u regolari bil-hlas tal-imposti li kienu vigenti sad-data tal-importazzjoni ( vide Dok ES4 ) .*

*Illi l-intimat jsostni li l-imposta hija dovuta ghaliex id-dipartiment ma jirrikonoxxix d-data tal-importazzjoni izda d-data ta'meta d-dokumenti gie ppresentat fid-Dipartiment tad- Dwana u cioe fl-14 ta'Ottubru 2020 data li kif premess u kif ser jirrisulta ampjament r-rikorrent thalla johrog il-merkanzija bil-prova tal- hlas tad-dwana dovuta precedentement ghal tali imposta gdida li ddahlet fis-sehh fl-istess data tal- 14 ta'Ottubru 2020 . Jirrisulta ampjament li anke l-uffcijali tad- Dwana kienu ghadhom mhux informati b'tali introduzzjoni ghaliex kieku certament ma kienux ser jhallu lir-rikorrent johrog il-merkanzija.*

*Illi ma tesisti ebda ligi u artiklu tal-ligi taht il-Kapitolu 37 Ordinanza tad- Dwana li timponi l-hlas ta'tali dazju ( anti dumping duty ) mid-data ta'meta d-dokumenti tal-merkanzija jigu ppresentati d-Dwana .*

*Illi in kwalsiasi kaz u minghajr ebda rinunzja ghall-kull dritt legali u Kostituzzjonali tieghu r-rikorrent jhoss illi tali dazju ma jistax jigi impost fuqu stante li fid-data tal- importazzjoni u wasla effettiva gewwa Malta tali dazju ma kienx imponibbbli u ma kienx introdott.*

*Illi kull introduzzjoni ta'dazji in linja generali u mal-principji ta'gustizzja naturali jsiru b'notifika opportuna sabiex jaghtu lill-importatur pre avviz sabiex jkun jista jikkunsidra jimportax l-imsemmi prodott fil-pajjiz u f'kazijiet simili d-Dipartiment generalment jaghti koncessjoni li jigu esebiti dokumenti tal-importazzjoni li tinstab fil-process li tasal Malta bil-konsenja ta'dokumenti relattivi ta'prova u l-imposizzjoni ta'dawn id-dazji godda jigu imponibbli fuq merkanzija li ma tkunx giet dikjarata qabel il-merkanzija tkun waslet Malta.*

U wara li hekk ippremettew, l-atturi talbu lil din il-Qorti:-

*Ghaldaqstant l-imposizzjoni ta'tali dazji u t- talba ghall- hlas ta'sittax il elf sitt mija u tnejn u erbghin ewro ( €16,642.00) reklamati allegatament bhala anti dumping duty huma arbitrarji u lesivi d-drittijiet tar-rikorrent u ghandhom jigu respinti .*

*Ghaldaqstant r-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tichad it- talba tal-intimat u tesenta lir-rikorrent mill-hlas ta'din it- taxxa ingusta stante l-premess u kif jista u ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kaz .*

*Illi konsegwentement tawtorizza lir-rikorrent ma jhallas ebda somma ingustament pretisa skond d- dokument B anness ma'dawn il-proceduri .*

*Salv sottomissjonijiet u dokumenti in sostenn .*

Rat **ir-risposta tal-konvenut Direttur Ġenerali (Dwana)** ippreżentata fis-27 ta' Awwissu 2021 permezz ta' liema eċċepixxa:-

*1. Illi qabel xejn, ikun xieraq illi l-esponent jigbed l-attenzjoni li l-Avukat tal- Istat għandu ma giex notifikat b'dan ir-rikors kif jitlob l-artikolu 181B(3) tal- Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi in vena preliminari, jigi eċċepit illi dawn il-proċeduri nbdew permezz tal-ittra uffiċjali 2639/21 mibgħuta mill-esponent nhar it-30 ta' Ġunju, 2021, u dan skont il-proċedura kontemplata fl-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Isegwi għalhekk illi l-okkju ta' din l-azzjoni għandu jkun maqlub sabiex jaqra Direttur Generali (Dwana) vs Emmanuel Spiteri gjaladarba din 1-azzjoni hija kontestazzioni ta' proċedura mibdija proprju mill-esponent;*

*3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għal dak imsemmi hawn fuq, it-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt minħabba li huma insostenibbli ai termini tal-provvedimenti tal-Kap 337 tal-ligijiet ta' Malta, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1428, u tar-Regolament (UE) Nru 953/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, u dan għar-raġunijiet segwenti:*
*i. Illi l-fatti jikkonċernaw importazzioni t'aluminium profiles importati miċ-Ċina, liema oġġetti ġew dikjarati mir-rikorrent fuq id-dikjarazzioni doganali taħt il-kodici tat-TARIC 7604299090;*
*ii. Illi mis-sistema doganali jirrizulta li r-rikorrent għamel din id-dikjarazzioni doganali nhar 1-14 t' Ottubru, 2020, fil-ħamsa neqsin minuta ta' filgħodu (04:59);*
*iii. Illi proprju nhar 1-14 t'Ottubru, 2020, daħal fis-seħħ ir-Regolament ta' Implimentazzioni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1428 tat-12 t' Ottubru, 2020, li jimponi dazju anti-dumping provizorju fuq l-importazzjonijiet ta' estruzjonijiet tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina;*
*iv. Illi dan kien ifisser illi mill-14 t'Ottubru, 2020 1 quddiem, il-kodiċi tat-TARIC bin-numru 7604299090 għall-aluminium profiles bħal dawk importati mir-rikorrent beda jattira rata ta' dazju tal-anti-dumping provizorju fl-ammont ta' 48% fuq il-merkanzija importata mic-Cina, u dan skont ir-Regolament ta' Implimentazzioni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1428;*
*v. Illi kif inhi I-prassi doganali, f'gieħ l-ispeditezza kummerċjali din l-importazzjoni giet rilaxxjata lir-rikorrent, bil-possibilita' li jsir stħarrig ulterjuri tad-dikjarazzioni doganali wara r-rilaxx sabiex b'hekk tkun aċċertata l-korrettezza tas-sustanza tal-istess dikjarazzioni;*
*vi. Illi fil-fatt, minn stħarrig ulterjuri li sar min naħa tal-ufficjali tad-Dwana wara r-rilaxx tal-merkanzija - kif inhuwa permessibbli skont l-artikolu 11 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta - kien evidenti li l-imposta tad-dazju tal-anti-dumping skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1428 ma kinitx tħallset mir-rikorrent. Id-dazju tal-anti-dumping dovut fuq il-merkanzija importata*

*kien jammonta ghall-ammont komplessiv ta' sittax-il elf u sitt mija u tnejn u erbgħin Ewro (EUR16,642), konsistenti f'erbatax-il elf mija u erbgħa Ewro (EUR14,104) f'dazju tal-anti-dumping, u elfejn u ħames mija u tmienja u tletin Ewro (EUR2,538) f'VAT addizzionali;*

*vii. Illi l-uffiċjali tad-Dwana għamlu kuntatt mar-rikorrent sabiex iħallas l-ammont dovut f'dazju tal-anti-dumping, liema interpellazzioni kienet skartata. Illi r-rikorrent ingħata wkoll l-għazla li jekk ma jridx iħallas l-imposta tad-dazju tal-anti-dumping (għaliex forsi l-importazzioni ma kinitx għadha aktar ekonomikament vijabbli għalih) setgħa jibgħat lura l-oġġetti importati, izda r-rikorrent dlonk m'aċċettax din il-proposta;*

*viii. Illi għalhekk ma kienx fadal triq oħra għajr li l-esponent jgħaddi sabiex jigbor dan id-dazju perikolat permezz tal-proċedura kontemplata fl-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex b'hekk ikun imħares l-errarju pubbliku;*

*4. Illi hawnhekk qegħdin f'kamp fiskali u b'hekk dazju jew huwa dovut jew mhuwiex. Permezz tal-fatti msemmija hawn fuq huwa car li l-ammont li giegħed jitlob l-esponent huwa dejn dovut bis-saħħa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1428. Huwa żbaljat ir-rikorrent meta jgħid li ma tezisti ebda ligi li timponi l-ħlas ta' dazju mid-data ta' meta d-dokumenti tal-merkanzija jigu presentati lid-Dwana. Harsa lejn paragrafu 2 tal-artikolu 77 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 jgħid illi "dejn doganali jinħoloq hekk kif id-dikjarazzioni doganali tkun aċċettata". Illi mhux hekk biss, izda l-artikolu 12A tal-Kap 337 tal-Ligijiet ta' Malta ukoll jagħti tifsira meta d-dazju t'importazzioni għandu jigi kkalkolat. Huwa għalhekk inutli wkoll l-argument tar-rikorrent meta jgħid li l-merkanzija waslet Malta qabel 1-14 ta' Ottubru, 2020, għaliex dak li jgħodd għall-kalkolazzioni ta' dazju huwa il-mument meta d-dikjarazzioni doganali tkun aċċettata, u mhux meta din tkun waslet Malta;*

*5. Illi hawnhekk tajjeb illi wieħed jisħaq illi dan id-dazju huwa dovut lill-Unjoni Ewropeja, u gjaladarba d-dikjarazzioni doganali tar-rikorrent daħlet fis-sistema doganali nhar 1-14 t'Ottubru, 2020, tajjeb jew ħażin, dan id-dazju huwa reġistrat bħala dazju dovut lill-Unjoni Ewropeja;*

*6. Illi fl-ahhar nett, l-esponent jiħhad kwalunkwe allegazzioni mressqa fil-konfront tiegħu li b'xi mod jew ieħor aġixxa arbitrarjament fil-konfront tar-rikorrent, għaliex id-dazju tal-anti-dumping huwa dovut bis-saħħa tar Regolament ta' Implimentazzioni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1428. Isegwi għalhekk li t-talba tar-rikorrent sabiex ikun eżonerat mir-rabta li jħallas dak dovut minnu għandha tkun miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti gjaladarba hemm ragunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed għat-talba tal-esponent sabiex ir-rikorrent iħallas id-dazju dovut fuq id-dikjarazzioni mertu ta' din il-kawza u dan kif ser jirrizulta aħjar waqt is-smiegħ ta' din l-azzjoni;*

*7. Salv eccezzionijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.*

Rat il-verbal tal-udjenza miżmuma fl-14 ta' Settembru 2014 meta l-konvenut irtira l-ewwel u t-tieni eċċezjoni.

Rat id-digriet tal-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef datat 13 ta' Jannar 2023 li permezz tiegħu assenja din il-kawża biex tinstema' u tkun deċiża minn din il-Qorti kif preseduta.[1]

Semgħet il-provi tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

## L-SFOND

Illi l-attur huwa importatur tal-aluminju, li ordna konsenja aluminju miċ-Ċina, li telqet lejn Malta fl-10 ta' Settembru tas-sena 2020 abbord il-bastiment CMA CGM Columbia.

Illi din il-merkanzija waslet Malta fit-13 t'Ottubru tas-sena 2020 u l-għada, fl-14 t' Ottubru fil-ħamsa neqsin minuta ta' filgħodu, l-attur, tramite *broker* ingaġġat minnu, certu Mario Mifsud, għamel id-dikjarazzjoni mad-dwana ta' Malta taħt il-kodiċi TARIC numru 7604299090;

Illi l-attur ħallas l-ammont ta' €7,934 f'Dazju u VAT lid-Dwana ta' Malta permezz tal-internet banking u l-għada, fil-15 ta' Ottubru tas-sena 2020 il-merkanzija inħarġet mill-faċilitajiet tad-dwana mill-burdnar tal-attur;

Illi sussegwentament l-attur ġie mgħarraf illi huwa kellu bilanċ ta' dazju *anti-dumping* u VAT fuq l-istess dazju, xi jħallas, fl-ammont ta' €16,642.00. L-attur kien ġie informat mid-Dwana li kien daħal fis-seħħ regolament tal-Unjoni Ewropea nhar l-14 t' Ottubru 2020 rigward dazju *anti-dumping* fuq l-aluminju impurtat lejn l-Unjoni Ewropea miċ-Ċina.

Illi l-attur jgħid li ġialadarba huwa ma ġiex mgħarraf b'din it-taxxa u sa meta ġie ikkuntatjat kien laħaq biegħ tlett kwarti tal-materjal impurtat, huwa m'għandux iħallas l-ammont mitlub.

Illi l-avukat tal-istat jargumenta li ġialadarba l-merkanzija ġiet dikjarata fl-14 ta' Ottubru 2020 meta kien daħal fis-seħħ ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummisjoni (UE) 2020/1428 tat-12 ta' Ottubru 2020 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-provvedimenti tal-imsemmi

[1] Fol 188

regolament għandhom japplikaw u għalhekk ġialadarba l-merkanzija ġiet miġbura, l-ammont mitlub huwa dovut.

Ikkunsidrat

## **IL-PROVI**

Illi x-xhieda prodotti mill-attur kienu l-attur innifsu, Duncan Mangion, Patrick Cutajar u Mario Mifsud.

Illi l-attur **Emanuel Spiteri** xehed fis-seduta tal-21 t'Ottubru 2021 fejn spjega kif kif huwa jimporta l-aluminju minn diversi pajjiżi fosthom miċ-Ċina u li f'Ġunju tas-sena 2020 għamel ordni ta' 100 tunnellata aluminju, li kellha tinqasam fuq konsenji, bl-ewwel waħda huwa irċeviha fit-13 t'Ottubru 2020 filgħaxija. Huwa spjega kif għamel id-dikjarazzjoni mad-dwana tramite l-*broker* tiegħu u ħallas id-dazju u l-VAT tramite l-internet banking bl-għajnuna ta' bintu nhar l-14 t' Ottubru 2020. Spiteri spjega li huwa mexa mal-istruzzjonijiet u mal-ammonti indikati lilu mid-Dwana wara li pprovda d-dettali kollha fosthom il-kwantita u l-HS Code korrett. L-attur spjega kif ix-xogħol inħareġ fl-14 jew 15 t'Ottubru u max-xatba tad-dwana twaqqaf il-burdnar fejn intalab kopja tal-fattura, liema fattura ġiet prodotta u eventwalment tħalla joħroġ. Spiteri jispjega li l-ġurnata meta beda jħott ix-xogħol mill-container kien il-ġimgħa u jgħid li ġie kkuntatjat mid-dwana u informat li kien hemm żball min naħa tagħhom u li hemm dazju *anti dumping* ta' 48%, it-Tlieta ta' wara. Spiteri xehed li sa dak il-punt kien diġa biegħ tlett kwarti tal-materjal li kien hemm fil-*container*. Mistoqsi in kontro-eżami, Spiteri obbliga ruħu li jippreżenta prova li kien biegħ madwar tlett kwarti tal-materjal u kkonferma ukoll li meta ġie avviċinat mid-Dwana, ġie offrut li jirritorna x-xogħol lura, madanakollu huwa jgħid li l-għasfur laħaq ħarablu minn idu peress li kien laħaq biegħ kwantita.

Illi l-attur Emanuel Spiteri xehed ukoll fis-seduta tas-7 ta' Frar 2022 fejn preżenta 27 *tax invoice* li jirrapreżentaw bejgħ ta' aluminju li kien irrefera għalieh fis-seduta preċedenti.

Illi l-attur Emanuel Spiteri xehed ukoll fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2022 fejn preżenta dokumenti li juri x'ħin ġiet inserita l-informazzjoni fis-sistema elettronika tad-Dwana flimkien ma dokumenti oħra mill-manifattur u *freight forwardor* tiegħu.

Illi l-attur Emanuel Spiteri xehed in kontro-eżami fil-21 t'Ottubru 2022 fejn huwa qal li minn dakinhar tal-kwistjoni mertu tal-kawża, huwa qatt ma mporta aktar aluminju miċ-Ċina. Spiteri ċaħad li fis-16 ta' Ottubru tal-2020 irċieva telefonata minn Patrick Cutajar mid-Dwana sabiex jinformah bid-dazju *anti-dumping*.

Spiteri jsostni li l-ewwel telefonata irċeviha it-Tlieta ta' wara li ġiet rilaxxata l-merkanzija. Meta mistoqsi, Spiteri kkonferma li waqt it-telefonata li kellu mal-uffiċjal tad-Dwana, Spiteri kien qal li l-manifattur Ċiniz kien qallu li semgħa li se jidħol dazju anti-dumping fuq l-aluminju miċ-Ċina u dan mill-25 t'Ottubru 2020. Spiteri jinsisti li hu ma kienx mgħarraf direttament fuq dan id-dazju ġdid u wisq inqas bid-data. Meta mistoqsi dwar l-invoices li huwa kien ippreżenta fis-7 ta' Frar 2020, Spiteri qal li l-maġġor parti tal-invoices kienu għal aluminju mill-container mertu tal-kawża, madanakollu, ma setgħax jeskludi li kien hemm imħallat xi aluminju mill-imħażen tiegħu.

Illi **Duncan Mangion**, impjegat id-dwana li kien involut fl-importazzjoni u fir-rilaxx tal-*container* mertu tal-kawża, xehed fis-seduta tal-21 t'Ottubru 2021. Huwa spjega li l-container ħareġ minn taħt l-Awtorita tad-Dwana f'Ħal Far fil-15 t'Ottubru 2020 u meta ġie biex joħroġ, fetħu l-container sabiex issir inspection fiżika, raw prova tal-pagament u ħallewh joħroġ. Ix-xhud jispjega ukoll li s-sistema elettrona tad-Dwana taħdem billi wieħed idaħħal id-dettalji tax-xogħol importat, valur u kwantitajiet u s-sistema tikkalkulalek id-dazju u l-VAT dovuti. Mangion jispjega li f'dak l-istadju l-attur kellu d-dokumentazzjoni kollha kif kien rikjest li jkollu. In kontro-eżami, Mangion meta mistoqsi jekk fejn ma tasalx is-sistema elettronika issirx *post clearance audit*, iwiġeġeb li ħafna mid-drabi hekk isir.

Illi **Patrick Cutajar** in rappreżentanza tad-Dwana xehed fis-seduta tat-3 ta' Diċembru 2021. Huwa spjega li dak iż-żmien kien *Deputy Officer in Charge* tal-*examination section* f'Ħal Far u Duncan Mangion huwa wieħed min-nies li jaqgħu taħt ir-responsabbilta tiegħu. Huwa jispjega li meta saret l-ispezzjoni fiżika, ma kienx preżenti f'Ħal Far. Ix-xhued jispjega li l-għada tar-rilaxx u cioe fis-16 t'Ottubru kien ikkuntatjah Duncan Mangion u qallu li qed isib diffikulta biex ibiddel l-istat ta' din il-merkanzija fis-sistema elettronika interna tad-Dwana peress li s-sistema bdiet timmarka li hemm €16,642 li mhux imħallsin lid-Dwana. Cutajar jixhed li jkun hemm ħafna tibdiliet fil-proċeduri, u li hu ma jiftakarx li kien jaf li se jkun hemm xi tibdil fuq din il-proċedura partikolari u cioe l-importazzjoni tal-aluminju miċ-Ċina. Mistoqsi in kontro-eżami, Cutajar spjega li kif sar jaf b'din is-sitwazzjoni talab direzzjoni mingħand id-direttur tiegħu, Alan Mamo, li talbu sabiex immedjatament jikkomunika mal-attur. Cutajar spjega kif cempel lill-attur dakinhar stess fis-16 t'Ottubru 2020 u informaħ li mill-14 ta' Ottubru 2020 daħal fis-seħħ dazju *anti dumping* u għalhekk kellu l-għażla li jħallas l-ammont ta' €16,642 jew li jirritorna x-xogħol lura u jibgħatu jew minn fejn ġie, jew f'xi post ieħor barra l-Unjoni Ewropea. Ix-xhud jispjega li l-attur qallu li x-xoghol qiegħed għandu u li ma kellu ebda intensjoni li jħallas l-ammont mitlub. Cutajar jgħid li talab deċiżjoni mingħand l-attur dakinhar stess, pero' baqa' ma rċieva ebda risposta. Ix-xhud jispjega li fid-19 t'Ottubru 2020, li kien

it-Tnejn, reġa ċempel lill-attur fejn staqsieh x'kien se jagħmel, li min naħa tiegħu qal lix-xhud li kien laħaq biegħ ix-xogħol. Cutajar jippreċiża li l-attur fis-16 t'Ottubru kien qallu li x-xogħol kien għadu għandu. Mistoqsi in ri-eżami Cutajar jgħid li huwa ċert li ċempel lill-attur l-għada li dan ħareġ ix-xogħol mid-dwana, fis-16 t'Ottubru 2020.

Illi **Mario Mifsud** xehed fis-seduta tas-7 ta' Frar 2022 fejn spjega li huwa pensjonant u jgħin xi negozji jirrilaxxaw xi merkanzija mid-Dwana. Huwa spjega li kif jirċievi n-*notice of arrival*, jara li jdaħħal l-informazzjoni fis-sistema elettronika tad-Dwana. Ix-xhud spjega li dan ix-xogħol jagħmlu kmieni filgħodu, pero ma ftakarx il-ġurnata u l-ħin eżatti li ħadem din il-merkanzija partikolari.

Illi l-Konvenut Direttur Ġenerali (Dwana) produċa bħala xhieda lil-Alan Mamo li xehed permezz tal-affidavit u lil Justin Zammit Cilia.

Illi **Alan Mamo**, Direttur *Compliance and Systems* fi ħdan id-Dipartiment tad-Dwana xehed permezz tal-affidavit ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2022. Huwa spjega li fis-16 t'Ottubru 2020 ġie informat mill-uffiċjali tad-Dwana li jaħdmu fil-*Containers and Groupage Unit* f'Ħal Far li konsenja aluminium profiles bdiet tiġi rejected mis-sistema elettronika interna tad-dwana meta bdew jindikaw li din ġiet rilaxxata. Huwa spjega li din il-merkanzija kienet ġiet rilaxxata mid-Dwana għaliex id-dikjarazzjoni prima facie kienet tidher korretta. Mamo spjega li dak li kien ġara kien li fl-14 t'Ottubru daħal fis-Seħħ ir-Regolament ta' Impilmentazzjoni tal-Kummisjoni 2020/1428 tat-12 t'Ottubru 2020 li fuq l-HS Code 7604299090 applikabbli għall-aluminium profile, kien qed jiġi impost 48% dazju *anti dumping*. Mamo spjega kif taħdem is-sistema tal-kodiċi TARIC ugwalment fl-Unjoni Ewropea u li minkejja li għall-ispeditezza d-dwana ġieli tirrilaxxa merkanzija, xorta jibqalha l-jedd li tiġbor dak li huwa dovut. Ix-xhud spjega li dan id-dażju partikolari huwa dovut lill-Unjoni Ewropea. Mamo jkompli jispjega li wara kien tkellem ma Patrick Cutajar, huwa kien ta struzzjonijiet sabiex l-attur jingħata l-opportunita li jew iżomm il-materjal u jħallas id-dazju u l-VAT dovuti jew jirritorna l-merkanzija lura, pero l-attur baqa ma għamel l-ebda waħda minn dawn.

Illi Alan Mamo xehed in kontro-eżami fis-seduta tal-25 t'April 2023 u spjega li l-Customs Electronic Systems taqgħa fir-responsabbilta tiegħu. Huwa spjegal li Duncan Mangion deherlu li ma kien hemm xejn ħażin fid-dikjarazzjoni ta' Emanuel Spiteru jew il-*broker* tiegħu u li b'hekk ġiet aċċettata u per konsegwenza ġiet rilaxxata l-merkanzija tal-attur. Ix-xhud spjega li kien hemm emendi fit-*TARIC code* fl-14 t'Ottubru 2020 u cioe mat-*TARIC code* applikabbli żdiedet rata ta' dazju *anti-dumping* u li s-sistema elettronika ma rreġistratx tali tibdil. Mamo

spjega li s-sistema tiġi updated b'mod awtomatiku, pero għal xi raġuni din it-tibdila partikolari ma saritx b'mod awtomatiku.

Illi **Justin Zammit Cilia**, Spettur tad-Dwana, xehed fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2022 u ppreżenta l-ġurnal uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tat-13 ta' Ottubru 2020 fejn ġiet ippublikat *'ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummisjoni (UE) 2020/1428 tat-12 ta' Ottubru 2020 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina'* u dokument ieħor li juri bejn Awwissu u Ottubru tas-sena 2020 il-Kummisjoni Ewropea kienet qed tagħmel stħarriġ fuq din il-materja.

Illi d-Direttur Ġenerali tad-Dwana ppreżenta ukoll nota b'email interna datata 10 ta' Novembru 2020, fejn Patrick Cutajar ta l-verżjoni tiegħu lil ċertu John Axiak, liema verżjoni hija identika għal dak li huwa qal fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti.

## KUNSIDERAZZJONIJIET

Ikkunsidrat

Illi għar-riżolużżjoni tala-proċeduri odjerni huwa neċessarju li l-ewwel jiġi stabbilit jekk it-tibdil fit-tariffa tal-*anti dumping* fuq l-*HS Code* 7604299090 applikabbli għall-aluminium profile kinitx tapplika għall-merkanzija tal-attur u f'każ affermattiv jekk il-konvenut Direttur Ġenerali (Dwana) kienx ġustifikat li jitlob il-ħlas tad-dazju anti-dumping u l-VAT addizjonali wara li l-prodott ġie rilaxxat.

Ikkunsidrat

Illi r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummisjoni (UE) 2020/1428 tat-12 ta' Ottubru 2020 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (minn issa imsejjaħ "ir-Regolament") fl-ewwel artikolu tiegħu jipprovdi li:

> *Qed jiġi impost dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' żbarri, vireg, profili (vojta minn ġewwa jew le), tubi, pajpijiet; mhux assemblati; irrispettivament minn jekk ikunux imħejjija biex jintużaw fi strutturi jew le (eż. maqtugħin għall-qies, imtaqqba, milwija, iċċanfrinati, bil-kamin); magħmulin mill-aluminju, b'ligi jew mingħajrhom, li jinkludu mhux akar minn 99,3 % aluminju, bl-esklużjoni ta':*

> *(1) prodotti magħqudin (eż. b'iwweldjar jew jbi qfil) biex jiffurmaw sottoassemblaġġi;*
> *(2) tubi u pajpijiet iwweldjati;*
> *(3) prodotti f'kit imballat bil-partijiet meħtieġa biex jiġi assemblat prodott finali mingħajr irfinar jew fabrikazzjoni ulterjuri tal-partijiet ("kit tal-oġġetti lesti");*
>
> *li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7604 10 10, ex 7604 10 90, 7604 21 00, 7604 29 10, 7604 29 90, ex 7608 10 00, 7608 20 81, 7608 20 89 u ex 7610 90 90 (il-kodiċijiet TARIC 7604 10 10 11, 7604 10 90 11, 7604 10 90 25, 7604 10 90 80, 7608 10 00 11, 7608 10 00 80, 7610 90 90 10) u li joriġinaw mir-Repubblika tal- Poplu taċ-Ċina.*

Illi kif dikjarat mill-attur stess fid-dikjarazzjoni li huwa għamel mad-Dwana f'Malta fl-14 t'Ottubru 2020, l-prodott importat huwa *aluminum profile,* u għalhekk materjal li għalih japplika r-Regolament.

Illi fil-verita dan il-fatt mhux kontestat; lanqas ma ġie allegat li għandha tapplika xi wieħed mill-esklużjonijiet imsemmija fir-Regolament. Fil-veirta l-kontestazzjoni tal-attur hija jekk ir-Regolament japplikax għalih ladarba l-merkanzija waslet fil-Gżejjer Maltin fit-13 t'Ottubru 2020 u ġiet iddikjarata l-għada meta r-Regolament meta daħal fis-seħħ fl-14 t'Otturbru 2020.

Illi dwar il-fatt li r-Regolament daħal fis-seħħ fl-14 t' Ottubru 2020 ukoll ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Għal kull bon fini ssir referenza għall-artikolu 4 tar-Regolament li jipprovdi li

> *Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

Illi l-publikazzjoni tar-Regolament saret fit-13 t'Ottubru 2020, għalhekk daħal fis-seħħ l-għada, l-14 ta' Ottubru 2020.

Illi f'dan ir-rigward jiġi rilevat ukoll, li kuntrarjament għad-Direttivi tal-Unjoni Ewropea, li jkun jeħtiġilhom li jiġu trasposti fil-liġi domestika sabiex ikunu jistgħu jiġu inforzati fl-istati membri tal-istess Unjoni, ir-Regolamenti huma direttament applikabli f'kull Stat membru daqs il-liġijiet promulgati fl-istess stat membru. Hekk ġie ribadiet minn din il-Qorti fis-sentenza tal-24 ta' Marzu 2024 fl-ismijiet **L-Avukat Dr. Joseph Camilleri noe vs Pullmantur Cruises Ship Management Ltd et**:

*Ladarba Malta saret stat membru tal-Unjoni Ewropea, mill-2004 'il quddiem saru applikabbli direttament fir-reġim legali ta' pajjiżna r-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea.*

Illi dan huwa rifless ta' dak stipulat fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li f'artikolu 288 tiegħu jipprovdi li:

*Regolament għandu jkollu applikazzjoni ġenerali. Ikun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.*

Illi fuq kollox l-istess Regolament 2020/1428 jipprovdi li:

*Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl- Istati Membri kollha.*

Ikkunsidrat

Illi dan stabbilit, issa jrid jiġi determinat jekk ir-Regolament għandux japplika għall-oġġetti li daħlu f'port Malti wara d-dħul fis-seħħ, jew għal oġġetti li setgħu daħlu f'port Malti qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament pero ġew dikjarati wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, bħal ma ġara fil-każ odjern.

Illi artikolu 4(1) tal-Kap. 337 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi b'mod ġenerali li:

*Għandhom jiġu mitluba u miġbura mill-Kummissarju f'isem il-Gvern id-dazji ta' importazzjoni murija fil-kolonna "Import Duty" tat-Tariffa tad-Dwana fuq 1-oġġetti kollha li għandu jitħallas fuqhom dawk id-dazji u enumerati fl-ewwel kolonna ta'dik it-Tariffa, li jkunu mkabbra, prodotti jew manifatturati f'pajjiżi li ma jkunux dawk tal-Komunità u* ***li jkunu importati f'Malta jew maħruġa mid-depożt għall-użu jew konsum f'Malta****.*

Illi dwar il-mument li fih jiġi kalkolat u jitħallas id-dazju l-artikoli 18 tal-Kap. 337 jipprovdi li:

*18.(1) Ebda oġġett fid-depożt ma jkun suġġett għal dazju* skont dan *l-Att, sakemm jibqa' fid-depożt, jew meta jiġi maħruġ mid-depożt għall-esportazzjoni minnufih.*

*(2) Meta xi oġġett jinħareġ mid-depożt għall-użu jew konsum f'Malta, id-dazju li għandu jintalab fuq dak l-oġġett ikun dak li għandu jitħallas fil-punt ta' ħin imsemmi fl-artikolu 12A, b'dana illi jekk l-oġġett ma*

*jinħariġx mid-depożt fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol wara dak il-ħin, il-polza ta' importazzjoni ma tibqax valida, u għal dak l-oġġett tkun tenħtieġ polza ta' importazzjoni ġdida.*

Illi mbagħad l-artikolu 12A jipprovdi li:

*(1) Id-dazju ta' importazzjoni għandu jiġi kkalkolat –*

*(a) fil-ħin li polza perfetta ta' importazzjoni tiġi reġistrata direttament fil-computer tad-Dwana minn negozjant jew aġent tiegħu, jew, meta ma tiġix hekk reġistrata, mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol li jmiss wara li tiġi ppreżentata polza perfetta ta' importazzjoni lill-Kummissarju għar-reġistrazzjoni; jew*

*(b) meta polza bħal dawk ma tkunx perfetta, fil-ħin li dik il-polza tiġi emendata u aċċettata bħala perfetta għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju;*

Illi minn dawn id-dispożiżżjonijiet huwa ċar li ai fini ta' kalkolu ta' dazju dovut fuq merkanzija intiża għal użu jew konsum f'Malta d-data relevanti mhiex dik ta' meta tasal il-merkanzija f'Malta imma hija dik meta issir ir-reġistrazzjoni imsemmija fl-artikolu 12A permezz tas-sistema elettronika tad-Dwana.

Ikkunsidrat

Illi kif intqal fil-kawża odjerna l-merkanzija waslet Malta fit-13 ta' Ottubru 2020 u d-dikjarazzjoni imsemmija fl-artikolu 12A saret fl-14 ta' Ottubru, ċioe il-ġurnata meta daħal fis-seħħ ir-Regolament, b'mod li id-dazju kif kalkolat mis-sistema elettronika kellu jirrifletti ż-żieda fid-dazzju skond ir-Regolament. Jidher li kien hemm xi difett fis-sistema elettronika tad-Dwana u l-ammont tal-anti dumping ma żdiedx awtomatikament malli qalbet il-ġurnata mit-13 għall-14 t'Ottubru 2020. Għalhekk meta l-attur preżenta d-dikjarazzjoni tiegħu fil-ħamsa neqsin minuta ta' filgħodu nhar l-14 t'Ottubru 2020 il-kalkolu tad-dazju u l-VAT ħareġ mingħajr ma ġie miżjud id-dazju anti-dumping bir-rata ta' 48%. Fil-15 ta' Ottubru 2020 inħarġet il-merkanzija u fis-16 ta' Ottubru sar kuntatt telefoniku mal-attur biex jiġi infurmat biż-żball u bl-ammont korrett ta' dazzju li kellu jħallas.

Illi l-attur jikkontendi li ladarba huwa kien ħallas dak li ġie mitlub bis-sistema eletronika u anke ħareġ l-merkanzija issa ma jistax jintalab iħallas aktar dazju. Il-konvenut jinsisti li dak id-dażju ulterjuri għandu jitħallas.

Ikkunsidrat

Illi artikolu 4(5) tal-Kap. 337 jipprovdi li:

> *Fejn xi dazji ta' importazzjoni li jridu jitħallsu fuq oġġetti taħt dan l-artikolu ma jkunux ġew miġbura, l-ammont li jkun għadu jrid jitħallas għandu jibqa' dovut għal perijodu ta' sitt snin mill-punt ta' taxxa kif definit fl-artikolu 12A ta' dan l-Att u l-Kummissarju jkollu dritt li jitlob il-ħlas ta' dak l-ammont matul il-perijodu msemmi:*
>
> *Iżda, minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, il-Kummissarju m'għandux jitlob il-ħlas ta' dak l-ammont meta huwa jkun sodisfatt li l-oġġetti ġew spezzjonati sew mill-uffiċjal li għamel ir-rilaxx u li ġew hekk rilaxxati minnu u li l-valur ta' dawk l-oġġetti kien dikjarat sewwa.*

Illi dwar dan l-artikolu din il-Qorti tagħmel tagħha dak li pprovda it-Tribunal għal Reviżjoni Amministrattiva fis-sentenza fl-ismijiet **ISP Ltd vs Direttur Ġenerali (Dwana)**[2] deċiża fis-27 ta' Frar 2014 fejn jgħid li:

> *Dan l-Artikolu tal-Liġi u l-proviso għall-istess ma għandhomx jinqraw u jiġu kkunsidrati waħedhom, kif pretiż mis-soċjetà Rikorrenti, iżda għandhom jinqraw u jigu kkunsidrati fid-dawl tal-provvedimenti l-oħra tal-Kap.337 tal-Liġijiet ta' Malta minn liema appuntu jirriżulta li d-Direttur Ġenerali (Dwana) ma jistax jiġi leġġerment ipprojbit milli jagħmel investigazzjonijiet u verifiki li jistgħu jirriżultawlu neċessarji dwar merkanzija importata hawn Malta wara li din tkun ġiet minnu rilaxxata.*

Illi fil-fatt l-artikolu 11 (1) tal-Kap. 337 jipprovdi li:

> *L-awtoritajiet tad-dwana jistgħu, fuq inizjattiva tagħhom jew fuq talba tad-dikjarant, jemendaw id-dikjarazzjoni wara r-rilaxx tal-oġġetti.*

Illi minn dawn id-dispożizzjonijiet huwa ċar li l-konvenut ingħata s-setgħa li jiġbor dazji anke wara li tiġi rilaxxata l-merkanzija u ngħata ukoll id-diskrezzjoni li jemenda dikjarazzjoni jew polza, skont il-liġi, jekk ikun meħtieġ.

---

[2] Rik. Nru. 43/2010

Illi dan ġie konfermat minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Direttur Ġenerali (Dwana) vs Colin Sammut**[3] deċiża fl-1 ta' Ġunju 2022 fejn din il-Qorti qalet li:

> *Dan juri li l-liġi doganali tikkonċedi d-diskrezzjoni lid-dipartiment immexxi mill-intimat li filwaqt li jirrilaxxja l-merkanzija lill-importatur mal-wasla tagħha f'Malta, l-uffiċjali tad-Dipartiment għandhom id-dritt li jwettqu post clearance audits sabiex jivverifikaw li t-taxxi kollha dovuti lill-erarju pubbliku fuq l-importazzjonijiet relattivi jkunu tħallsu fl-intier tagħhom.*

Illi mis-suespost hija l-fehma tal-Qorti li la draba d-dikjarazzjoni dwar il-merkanzija saret fl-14 ta' Ottubru 2020, kien japplika r-Regolament u d-dazju pagabbli kien dak kalkolat skont dan ir-Regolament. Aktar minn hekk la darba l-konvenut għandu s-setgħa li jagħmel post clearence audits huwa ċar ukoll li fil-każ in eżami l-konvenut kellhu s-setgħa li jitlob lill-attur d-dazju kollu dovut.

Illi għal kull bon fini jingħad ukoll li n-nuqqas ta' għarfien tal-attur dwar l-imsemmija anti-dumping duty, ftit li xejn ibiddel mill-applikabilita ta' dan id-dazju u dan għaliex jekk il-liġi timponi obbligu, tali obbligu jorbot irrispettivament minn jekk wieħed jafx bih jew le, kemm-il darba l-liġi tkun ġiet validament promulgata. Il-liġi hija applikabbli ugwalment għal kulħadd u n-nuqqas ta' għarfien tagħha qatt ma huwa skuża valida. Dan irrimarkatu il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Mangion et vs Direttur Ġenerali (Dwana)**[4] deċiża fit-22 ta' Ġunju 2022 fejn pprovdiet:

> *20. Madankollu n-nuqqas tal-element ta' intenzjonalita`, ma jfissirx li l-appellant m'għandu jħallas xejn. Din il-Qorti taqbel mal-appellat li l-fatt li l-importatur ma kienx jaf b'din l-anti-dumping duty applikabbli fir-rigward tal-prodotti tal-madum taċ-ċeramika li joriġinaw miċ-Ċina (ara xhieda a fol. 34), dan in-nuqqas mhux skużabbli a bażi tal-prinċipju ignorantia juris neminem excusat. Filwaqt li din il-Qorti tqis xieraq li tilqa' l-aggravju mressaq mill-appellant, jeħtieġ li jiġi ndirizzat il-punt imqanqal mill-appellat li m'għandhiex tinħoloq sitwazzjoni fejn min hu diliġenti jiġi żvantaġġjat, u għalhekk l-appellant għandu jħallas l-antidumping fee ta' 30.6%, li hija fi kwalunkwe każ dovuta fuq il-merkanzija importata minnu skont ir-regolament 2017/2179. Kwindi jiġi ċċarat li għalkemm din il-Qorti tqis xieraq li tilqa' t-talba tar-rikorrenti li titħassar in-nota ta' qbid, b'dan illi r-rikorrenti jibqgħu obbligati li jħallsu l-ammont ta' €4,853*

[3] Rik. Ġur. 263/2020 MH
[4] Appell Nru. 1063/2019/1

*rappreżentanti l-anti-dumping duty u €874, rappreżentanti t-taxxa fuq il-valur miżjud.*

Ikkunsidrat

Illi għall-kompletezza l-Qorti ser tifferi għall-proposta li saret mill-konvenut lill-attur sabiex jew jitħallas id-dazju *anti-dumping* flimkien mal-VAT addizjonali, jew jirritorna l-merkanzija lura ċ-Ċina jew f'xi pajjiż barra mill-Unjoni Ewropea u għall-kunflitt fil-provi fir-rigward.

Illi l-konvenut jgħid li huwa ġie kkuntatjat u saritlu l-imsemmija offerta fl-20 t' Ottubru 2020 meta kien diġa biegħ mill-merkanzija, madanakollu Patrick Cutajar u Alan Mamo it-tnejn jixhdu li l-attur ġie avviċinat fis-16 t'Ottubru, meta huwa qalilhom li l-merkanzija kien ħatta fl-imħażen tiegħu u kienet għadha kollha għandu. Il-konvenut jippreżenta ukoll email interna datata 10 ta' Novembru 2020[5] li fiha Patrick Cutajar ta spjega lill-uffiċjali oħra tad-Dwana dwar diskussjonijiet bejnu u bejn l-attur li seħħew fis-16 t'Ottubru 2020.

Illi din il-Qorti, rinfaċċata b'żewġ verżjonijet kunfliġenti, jeħtiġilha tgħarbel dak imressaq quddiema sabiex tiddeċiedi liema verżjoni għaliha hija l-aktar kredibbli. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et[6]** deċiża fl-24 ta' Marzu 2004, il-Qorti tal-Appell Inferjuri tgħid li:

*Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal provi quddiemha:*
*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*
*2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

Illi l-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Grech vs NMJ Co. Limited et[7]**, deċiża fl-14 ta' Jannar 2004, tgħid ukoll illi:

*Jidher li l-vertenza vera u proprja f'dan l-appell hi wahda essenzjalment ta' kredibilita`, aktar milli ta' haga ohra. F'sitwazzjoni konsimili, ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi l-kriterju distintiv ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni izda jekk dik l ispjegazzjoni hijiex verosimili. Huwa imbaghad pacifikament*

[5] Fol 185
[6] Apprll Nru. 290/2001/1
[7] Appell Nru. 974/2001/1

*akkolt illi f'kaz ta' kuntrast bejn zewg versjonijiet "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' 'in dubio pro reo'" – "Carmelo Farrugia –vs- Rokku Farrugia", Prim'Awla, Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966.*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi**[8] il-Qorti tal-Appell inferjuri fis-sentenza tat-12 t'April 2007, tgħid illi*:*

*"[...] in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:-*

*(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku talparti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' lezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn ilkontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub Application. No. 1162/2017 ISB minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor). Ara Kollez. Vol. XLVI P I p 5;*

*(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, "jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta" (Kollez. Vol. XXXVII P I p 577);*

*(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta alligata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament millallegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali talgudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;*

*(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk ilprovi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. [...]"*

Illi l-Qorti, b'applikazzjoni ta' dan it-tagħlim ġurisprudenzjali, wara li qiset iż-żewġ verzjonijiet fid-dawl tal-assjem tal-provi, u wara li qiset li l-verżjoni tal-uffiċjal tad-Dwana Patrick Cutajar mgħotija fix-xhieda tiegħu kienet korroborata

[8] Appell Nru. 503/2002/1

kemm permezz tal-email intern tal-10 ta' Novembru 2020 u kemm mix-xhieda tad-Direttur Alan Mamo, hija konvinta li din hija l-verzjoni korretta tal-fatti.

Illi fil-verita d-data meta saret l-proposta lill-attur biex jew jirritorna l-merkanzija inkella jħallas id-dazju bir-rata korretta, hija irrilevanti għaliex anke kieku l-Qorti kellha taċċetta l-verżjoni tal-attur li din il-proposta saret wara l-20 t'Ottubru, meta ix-xogħol kien laħaq inbiegħ, ma jibdel xejn mill-fatt li d-dazju *anti dumping* kien dovut.

Illi tenut kont tal-premess u ġialadarba li r-Regolament kien japplika għad-dikjarazzjoni tal-attur li saret fil-ġurnata tad-dħul fis-seħħ tiegħu, u ġialadarba l-konvenut kellu s-setgħa jbiddel jew jirrevedi dikjarazzjoni anke wara r-rilaxx tal-merkanzija, d-dazju *anti-dumping* huwa dovut.

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi, tilqa l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut Direttur Ġenerali (Dwana) sa fejn hu konpatibbli mal-konsiderazzjonijiet tagħha u konsegwentement **tiċħad it-talba tal-attur** bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**